**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 64**

**Data:** 31 ta' Mejju, 2017

**Hin:** 10.23am

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Emanuel Muscat* | *Kunsillier* |
| *Anthony Camilleri* | *Kunsillier* |
| | |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

Shirley Anne Cecchini ma setghetx tattendi ghal-laqgha minhabba xoghol. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tigi skuzata.
L-Ambaxxatrici V16, Katrina Grima ma setghetx tattendi ghal-laqgha u ghalhekk kienet qed tigi skuzata.

---

**AGENDA**

64.1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-63 laqgha

64.2 Festa 2017

64.3 Bord ta' l-Offerta' – *Provision and Planting of trees using environmentally friendly materials and practices as part of the urban greening project*

64.4 Audited Financial Statements

64.5 Ambaxxatur V16

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

64.6 Progetti u Xogholijiet

64.7 Skeda ta' Pagamenti

64.8 Cirkularijiet tad-Dipartiment Gvern Lokali.

64.9 Korrispondenza u materji ohra

64.10 Aggornament

---

**64.1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-60 u 61 laqgha**

64.1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**64.2 Festa 2017**

64.2.1 Gewipprezentati zewg offerti fir-rigward tat-tindif ghal waqt il-festa 2017 minghand Oliver Farrugia u minghand Godfrey Farrugia. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi ma' l-irhas offerta li kienet dik ta' Oliver Farrugia.

64.2.2 Gew diskussi l-permessi tal-kiosks li jkunu prezenti waqt il-festa fejn il-Kunsill qabel li dawn ghandhom izommu l-istess post bhas-snin precedenti. F'kaz li xi hadd ma jigix dawn jersqu post 'l quddiem.

64.2.3 Giet trattata korrispondenza minghand il-Kumitat tal-Festa fejn dawn talbu lill-Kunsill *no objection* u permessi ghall-attivitajiet marbuta mall-festa tar-rahal. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg in-*no objection* bhas-snin precedenti. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi infurmat l-arcipriet li qeghda ssir in-*no objection* pero' jekk jinghalqu xi toroq iridu jottjenu l-permessi necessarji kif ukoll tinghata attenzjoni specjali ta' meta jintuza l-*forklift*.

64.2.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kumitat tal-festa jehtieg xi toqob minhabba arbli tal-festa. Il-Kunsill qabel li ghandu jintalab lill-kuntrattur Jason Saliba sabiex jaghmel it-toqob necessarji.

**64.3 Bord ta' l-Offerta' – *Provision and Planting of trees using environmentally friendly materials and practices as part of the urban greening project***

64.3.1 Is-Sindku spjega li kif diga inghat fl-laghat precedenti inhareg l-avviz ghall-offerta' tal-greenery u din l-offerta' ser taghlaq it-Tlieta 13 ta' Gunju. Saret

diskussjoni dwar min ser ikun parti mill-bord ta' l-evalwazzjoni ta' din l-offerta'. Sar qbil mill-Kunsill li l-bord ikun iffurmat mis-Sindku bhala Chairman, il-Vici Sindku, Emanuel Muscat u Bernard Bartolo bhala membri u s-Segretarju Ezekuttiv bhala Segretarju tal-bord. Sar qbil ukoll sabiex l-offerti jinfethu minn Christina Camenzuli u minn Ivan Attard. Il-Kunsill qabel ukoll li jkun mehtieg s-Sur Joseph Bonello ikun *adviser* fuq il-bord.

10.32am Il-Vici Sindku dahlet ghal-laqgha.

**64.4 Audited Financial Statements**

64.4.1 Gie spjegat li l-Kunsill ghadu s'issa jistenna li jircievi l-Audited Financial Statements minghand l-awditur. Il-Kunsill qabel li jekk dawn jaslu fil-granet li gejjin, ghandha tissejjah laqgha b'urgenza sabiex dawn jigu approvati.

**64.5 Ambaxxatur V16**

64.5.1 Gie spjegat li l-Ambaxxatrici V16 tal-Kunsill din is-sena ser taghlaq 18-il sena u ghaldaqstant ma tkunx tista' tibqa' tokkupa dawn l-irwol. Ghaldaqstant irid jinstab ambaxxatur iehor minflokha. Is-Sindku spjega li Shirley Anne Cecchini uriet ix-xewqa li tkun prezenti ghal meta jintaghzel dan l-ambaxxatur. Il-Kunsill qabel li dan il-punt jithalla ghal-laqgha ohra u sadantittant tingab lista minghand l-arcipriet dwar dawk li ghalqu 16-il sena.

**64.6 Progetti u Xogholijiet**

64.6.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li x-xogholijiet fi Triq il-Madonna tal-Virtu' inbnew fil-parti ta' wara il-knisja. Min-naha tal-Korporazzjoni Enemalta dawn riedu xi fitters biex ikomplu x-xoghol pero' fil-prezent dawn ma kienux disponibbli. Wara dan ix-xoghol ser jitkomplew xogholijiet min-naha tal-Korporazjoni ta' l-ilma. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li jekk ix-xoghol ma jilhaqx jinbeda' dan ghandu jithalla ghal wara il-festa. Is-Sindku ssugerixxa li jekk ikun hemm zmien ghandha ssir il-parti ta' ma genb u wara l-Knisja sabiex ikunu lesti qabel il-festa imbghad jitkomplew ix-xogholijiet wara. Is-Sindku spjega li minhabba xogholijiet relatati ma' l-elezzjoni kellhom isiru xi xogholijiet f'postijiet ohra u ghalhekk dawn thallew pendenti. Gie spjegat ukoll li sadantittant il-kuntrattur kellu jwahhal tabelli li fil-prezent ser jitghattew b'borza sewda.

64.6.2 Il-Vici Sindku gibed l-attenzjoni dwar sewqan accessiv fi Triq l-Gharb. Saret diskussjoni dwar dan is-suggett u x'passi jistghu jittiehdu. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga jikteb lil Malta Transport u pulizija sabiex ikunu immarkati speed

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

limit u jesplora l-possibilita' li jkunu installati speed signs light ukoll fl-istess t-triq.

**64.7 Skeda ta' Pagamenti**

64.7.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**64.8 Cirkularijiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali**

64.8.1 Cirkulari Numru 11/2017 – Irtirar mix-Xoghol minhabba l-Eta' Pensjonabbli.

64.8.2 Cirkulari Numru 12/2017 – Partecipazzjoni fil-Politika u Komunikazzjoni mal-*Media.*

64.8.3 Cirkulari Numru 14/2017 – Ittra ta' Rizenja minn hatra ta' Kunsillier.

64.8.4 Cirkulari Numru 15/2017 – L-Elezzjoni Generali fit-3 ta' Gunju, 2017. Giet diskussa din ic-Cirkulari fejn il-Kunsill qabel li l-Ufficju ghandu jinzamm maghluq kemm fit-3 ta' Gunju kif ukoll fil-5 ta' Gunju. Ghandu jinhareg avviz f'dan ir-rigward.

**64.9 Korrispondenza u Materja Ohra**

64.9.1 Minghand l-Arcipriet b'risposta ghall-korrispondenza bejn il-partijiet dwar ghajnuna fir-rigward tas-Summer Club. Wara li f'laqgha precedenti l-Kunsill kien iddecieda li jidhol partecipi sabiex ikun organizzat is-Summer Club tas-soltu, l-Arcipriet f'ittra indirizzata lill-Kunsill wiegeb li mhux qed jaccetta l-ghajnuna pero' offra li jaghti s-sehem tieghu ghal Jum l-Gharb.

64.9.2 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar:

Approvazzjoni ta' Applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp: PA00902/17, PA07940/16

Applikazzjoni godda ghal permess ta' PA3232/17, PA3304/17, PA3472/17, PA3565/17, PA3461/17, PA1299/17.

64.9.3 Gie spjegat li l-Kunsill kien gie avvicinat sabiex isir kors kreattiv fil-bini tal-*lego* lit-tfal matul fis-Sajf. Ghal dan il-ghan kien inhareg avviz sabiex min ikun interessat jista' jinkiteb. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jigi organizzat mill-Kunsill.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

64.9.4 Il-Vici Sindku ssugeriet li jerga' jsir kors tat-tablet kompjuters kif ukoll korsijiet ta' ghajnuna ghat-tfal ta' l-iskola primarja. Is-Sindku spjega li issa li inxtraw t-tablets u l-*interactive white board* permezz tac-Cirkulari 35/2016 - Literacy Programme ser jaghmilha aktar facli sabiex issir dan il-kors.

64.9.5 Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jibbukkja pagna fejn jaghti l-awguri tieghu lir-residenti ghall-festa fil-*magazine* tal-festa li jinhareg mill-parrocca u fil-*magazine* tal-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

64.9.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li inhargu l-permess tal-Playing Field ta' Triq Birbuba u tac-Centru Civiku. Huwa spjega li fir-rigward tal-Playing Field ta' Triq Birbuba hemm mizata ta' €1033.00 li trid tithallas filwaqt li ghac-Centru Civiku ma intalab ebda' hlas. Il-Kunsill qabel ma' dan il-hlas.

64.9.7 Is-Sindku spjega li fir-rigward tac-Child Care Centre irridu naraw waqt il-laqgha li jmiss l-offerta tal-Managers sabiex tittiehed id-decizjoni dwar wayforward.

64.9.8 Emanuel Muscat staqsa jekk saritx il-laqgha mas-Sidien tal-Flats ta' Triq l-Arcipriet G. Camilleri. Is-Sindku informa lil kunsill li saret ddiskuta permess tat-telephone ma' wiehed mis-sidien li kien is-Sur Mark Agius fejn dan qallu li kien hemm problema permess li l-garages ta' quddiem li jinsabu fil-faccata huwa kollha mibjughin u ghaldaqstant ma setghax isir bdil. Is-Sur Agius qal li ser jara x'jista' jsir f'wiehed mis-sulari tal-binja minhabba din il-problema. Is-Sindku kompla billi qal li huwa informa lis-Sur Agius li meta ser issir applikazzjoni ghall-parti l-ohra, l-Kunsill ser jiehu l-passi mehtiega sabiex wahda mill-kundizzjonijiet tkun li ssir *garbage room* ghar-residenti tal-blokka ta' appartamenti.

64.9.9 Saru diskussjonijiet mill-Kunsill fir-rigward ta' problemi ta' skart madwar il-lokalita'. Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu installati CCTV Cameras fi Pjazza San Pietru u fi Triq Birbuba b'mod immedjata minhabba li f'dawn iz-zoni partikolari l-iskart jithalla barra kull hin tal-gurnata.

Waqt id-diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li fl-offerta' li ser tinhareg il-kuntrattur ikollu li jrid jipprovdi bins fejn dawn ikunu numerati u bil-logo tal-Kunsill. Jekk l-iskart ma jintefax gewwa fihom l-iskart ma jingabarx. Sar suggeriment ukoll sabiex jintuzaw boroz ta' l-iskart ikkuluriti. B'hekk jigi evitat li persuni barra mir-rahal jarmu l-iskart fil-lokalita' taghna. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li fis-

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

survey li ghandu jsir r-residenti ghandhom ikunu mistoqsija bin jew borza ikkulurita.

Is-Sindku ssugerixxa ukoll li ssir laqgha ma’ l-operaturi tal-postijiet ta’ akkomodazzjoni fir-rigward tal-gbir ta’ skart jew li tintbaghtilhom ittra registrata. Huwa insista billi qal li l-problema tkun aktar gravi fis-sajf minhabba numru ta’ vizitaturi fil-postijiet ta’ akkomodazzjoni. Il-Kunsill qabel ma’ dan is-suggeriment.

64.9.10 Is-Sindku spjega li fi Triq il-Knisja quddiem ‘Il-Gardjola B&B’ kien hemm problema minhabba li xi sinjali sofor kienu tnehhew u ghaldaqstant kien qed ikun hemm kongestjoni ta’ traffiku u ghaldaqstant kienu gew avvicinat it-Transport Malta sabiex jaghmlu *site visit* u jinhargu l-permessi mehtiega biex jigi evitat kull inkonvenjent.

**64.10 Aggornament**

64.10.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 5 ta’ Lulju, 2017 fl-10.00AM.

64.10.2 Il-laqgha spiccat hin 11.31am.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |